MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 896/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Anthony Degabriele**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Degabriele detentur tal-karta tal-identita` numru 524057M

Akkuzat talli:

Nhar il-4 ta' Frar 2013, għal bejn l-ghaxra (10:00hrs) u l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30 hrs) bil-qerq holoq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel theddid serju bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm fil-konfront ta' l-agenzija Appogg, sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tiegħek jew b'isem mahluq;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biza' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd ieħor meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, tant li ġie evakwat l-istess bini ta' l-Agenzija Appogg;

U aktar talli fl-istess data, ħin f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika gabet ruhha b'mod li ta fastidju lil raprezentanti ta' l-agenzija Appogg, b'tali mod li kien jaf jew misshu kien jaf li dan kien fastidju ghall-istess persuna/persuni;

Nhar il-25 ta' April 2013, għal ħabta tat-tlieta u nofs neqsin hamsa ta' wara nofs in-nhar (15:25 hrs) bil-qerq ħloqt jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel theddid serju bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm fil-konfront ta' l-agenzija Appogg, sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew b'isem mahluq;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biza' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd ieħor meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, tant li ġie evakwat l-istess bini ta' l-Agenzija Appogg;

U aktar talli fl-istess data, ħin f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika gabet ruhha b'mod li ta fastidju lil raprezentanti ta' l-agenzija Appogg, b'tali mod li kien jaf jew misshu kien jaf li dan kien fastidju ghall-istess persuna/persuni;

Nhar il-30 ta' April 2013, bejn t-tlieta u nofs (15:30hrs) u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar (16:00hrs) bil-qerq holoq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li

b'hekk din il-persuna tkun tista tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel theddid serju bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm fil-konfront ta' l-agenzija Appogg, sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew b'isem mahluq;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biza' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd ieħor meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, tant li ġie evakwat l-istess bini ta' l-Agenzija Appogg;

U aktar talli fl-istess data, ħin f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika gab ruhu b'mod li ta fastidju lil raprezentanti ta' l-agenzija Appogg, b'tali mod li kien jaf jew misshu kien jaf li dan kien fastidju ghall-istess persuna/persuni;

Nhar il-8 ta' Mejju 2013, bejn it-tlieta neqsin kwart (14:45hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00 hrs) bil-qerq holoq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħloqt traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel theddid serju bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm fil-konfront ta' l-agenzija Appogg, sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tiegħek jew b'isem mahluq;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biza' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd ieħor meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, tant li ġie evakwat l-istess bini ta' l-Agenzija Appogg;

U aktar talli fl-istess data, ħin f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika gabet ruhha b'mod li ta fastidju lil raprezentanti ta' l-agenzija Appogg, b'tali mod li kien jaf jew misshu kien jaf li dan kien fastidju ghall-istess persuna/persuni;

Nhar il-22 ta' Awissu 2013, għal ħabta ta' l-ghaxra neqsin kwart hamsa ta' filghodu (09:44 hrs) bil-qerq holoq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħloqt traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel theddid serju bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm fil-konfront ta' l-agenzija Appogg, sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew b'isem mahluq;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biza' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd ieħor meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, tant li ġie evakwat l-istess bini ta' l-Agenzija Appogg;

U aktar talli fl-istess data, ħin f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika gabet ruhha b'mod li ta fastidju lil raprezentanti ta' l-agenzija Appogg, b'tali mod li kien jaf jew misshu kien jaf li dan kien fastidju ghall-istess persuna/persuni;

Akkuzat ukoll talli nhar il-21 t' Awissu 2013 ghal habta ta' tlieta neqsin ghaxra ta' wara nofs in-nhar (14:50hrs) bil-hsieb li taghmel delitt u telefonata anonima ta' theddida ta' bomba minn fuq telefon cellolari ura b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt izda ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar akkuzat meta f' diversi atti maghmulin minn Anthony Degabriele, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

Rat it-talba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda sussegwentement u cioe` fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014 u anke li nghata zmien opportun sabiex jahsibha, huwa rega' ikkonfermata tali ammissjoni;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija netta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali bih ta l-kunsens sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi kollha.

Ghal dawn il-motivi u fuq ammissjoni tal-imputat tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih qed issib lill-imputat Anthony Degabriele hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u wara li rat l-Artikoli 18, 31(b) u (f), 17, 110(1) u (2), 249 (1) u 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 48(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tnax-il (12) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni generali ghal hames (5) snin, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------